**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Theodor Dumitrescu, detentur tal-karta tal-identità' Rumena bin-numru RK335873**

**Vasilica-Ionel Harabagiu, detentur tal-karta tal-identità' Rumena bin-numru RX405381**

**Marian Tenescu, detentur tal-karta tal-identità' Rumena bin-numru IF435862**

*Kumpilazzjoni Nru. 611/2021*

Illum 6 ta' Ġunju, 2022

Il-Qorti,

Rat illi permezz tal-proċeduri odjerni, l-imputati **Theodor Dumitrescu, Vasilica-Ionel Harabagiu w Marian Tenescu,** qed jiġu akkużati f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli:

1. Nhar it-tletin (30) ta' Ġunju 2021, għall-ħabta ta' bejn is-sitta u is-sitta u nofs ta filgħaxija (18.00-18.30hrs), fi vjaġġ tal-karozza tal-Linja bejn il-Belt Valletta u San Ġiljan, u/jew f' dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Marcel Alexander Tiemann Geb Kloth;

2. Nhar il-ħdax (11) ta' Lulju 2021, għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn u nofs u it-tlieta u nofs ta' wara-nofs-inhar (14.30-15.30hrs), fi vjaġġ tal-karozza tal-Linja bejn il-Mellieħa u il-Qawra, u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Alan Dawson;

3. Nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju 2021, għall-ħabta ta' bejn is-sitta u kwart u is-sitta u nofs ta' filgħaxija (18.15-18.30hrs), fi vjaġġ tal-karozza tal-Linja bejn il-Belt Valletta u Tas-Sliema, u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Bjorn Petersen;

4. Nhar id-disgħa (09) ta' Lulju 2021, għall-ħabta ta' bejn it-tlieta u nofs u l-erbgħa ta' wara-nofs-inhar (15.30-16.00hrs), fi vjaġġ tal-karozza tal-Linja bejn ir-Rabat u il-Belt Valletta, u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' diversi oġġetti, liema serq sar għad-dannu ta' Karen Margaret Ravenscroft;

5. Nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2021, għall-ħabta ta bejn it-tmienja u it-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20.00-20.30hrs), fi vjaġġ tal-karozza fl-inħawi ta' Triq ix-Xatt Tas-Sliema, u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' diversi oġġetti, liema serq sar għad-dannu ta' Rebecca Tirchett;

6. Nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru 2021, għall-ħabta ta bejn is-siegħa u it-tlieta ta' wara-nofs-inhar (13.00-15.00hrs), fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' diversi oġġetti.

Ukoll talli f'dawn il-gżejjer, f'Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u fix-xhur u snin ta' qabel din id-data -

7. Għamlu atti ta *money laundering* billi;

   i. Ikkonvertew jew ittrasferew propjetà' meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjetà' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività' kriminali;

   ii. Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provvenjenża, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà', meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjetà' tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali;

iii. Akkwistaw, kellhom fil-pussess tagħhom, jew użaw proprjetà' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iv. Bir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjetà' inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali;

v. It-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq imsemmija.

8. U aktar talli fl-istess dati, żmien, lok, ħin u ċirkostanzi, appartjenew għal għaqda hekk kif msemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali;

9. U aktar talli fl-istess dati, żmien, lok, ħin u ċirkustanzi, assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm piena ta' priġunerija;

10. U aktar talli fl-istess dati, żmien, lok, ħin u ċirkostanzi, f'Malta, xjentement laqaw għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibigħuhom, jew imexxuhom;

11. U aktar talli fl-istess data, żmien, lok, ħin u ċirkostanzi, malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqsu milli jagħrfu lill-pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien hekk saru jafu;

12. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, talli saru reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġew misjuba ħatja ta' diversi reati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

Semgħet il-provi tal-prosekuzzjoni

Rat ir-rikors konġunt preżentat nhar it-30 ta' Mejju, 2022, mill-Avukat Ġenerali u mill-imputati permezz ta' liema, wara li ddikjaraw li qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din il-Qorti biex fl-

eventwalita` illi **Theodor Dumitrescu, Marian Tenescu** u **Vasilica-Ionel Harabagiu jammettu** ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom, il-piena li għandha tingħata minn din il-Qorti lil kull wieħed minnhom, cioe lil **Theodor Dumitrescu, Marian Tenescu** u **Vasilica-Ionel Harabagiu** tkun ta' piena karċerarja effettiva ta' erba' u ħamsin (54) xahar flimkien ma multa ta' għaxart elef ewro (€10,000) flimkien ma kull sanzjoni oħra, spejjez u konsegwenzi li huma imposti bil-ligi ġaladarba tinstab ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal- 1 ta' Ġunju, 2022, l-imputati **Theodor Dumitrescu, Marian Tenescu** u **Vasilica-Ionel Harabagiu** ammettew l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w cioe, wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja ghall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w huma ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu setgħu jergaw lura minnha. Wara li l-imputati baqgħu itennu t-tweġiba tagħhom li huma ħatja tar-reati bihom imputati, l-ammissjoni tagħhom ġiet reġistrata.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza qegħda tingħata wara li saret talba mill-partijiet permezz ta' rikors konġuntiv mill-Avukat Ġenerali w l-akkużati a tenur ta' l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi wara li rat il-fedina penali tal-imputati w wara li rat in-natura serja tar-reati li tagħhom qed jinstabu ħatja l-imputati, din il-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-partijiet hija tali li jkun leġittimu illi din tiġi hekk imposta u dan ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 48A(1)(3)(4), 49, 50, 83A(1)(2), 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 334 u 334A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati

**Theodor Dumitrescu, Marian Tenescu** u **Vasilica-Ionel Harabagiu** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u tikkundanna lil kull wieħed minnhom ghal piena ta' **erba' u ħamsin (54) xahar priġunerija** flimkien ma *multa* ta' **għaxart elef ewro (€10,000).**

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w tal-artikolu 3(5)(a) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-ammont ta' **€178,855.46c** rappreżentanti r-rikavat, jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew fin-nuqqas li tiġi konfiskata tali somma, għandha tiġi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta **€178,855.46c.**[1]

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w tal-artikolu 3(5)(b) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberrbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputati għandhom iħallsu *multa* ta' **€178,855.46c** li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat ta'serq u riċiklaġġ mwettqa mill-imputati.

Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli kollha ta' l-imputati, anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal- tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

---

[1] Vide Xiehda ta' Victor Ellul Bonnici a fol.110 et seq u **Dok. VEB** a fol.112.
Dispożizzjoni tassativa li tipprovdi: Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti..... tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjeta` li l-valur taghha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat.....

[2] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tordna lill-ħatja jħallsu bejniethom l-ammont ta' **€811.17c** u cioe' l-ammont ta' **€270.39c** kull wieħed, rappreżentanti spejjez peritali.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Registratur tal-Qorti
Direttur, Uffiċċju ghall-Irkupru tal-Assi